# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 ta' Marzu, 2019.**

**Rikors Numru 722/2019 SM**

***HSBC Bank* Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs.**

***K & M Contractors Limited* (C 39982)**

***E & C Developments Limited* (C 15633)**

***C & M Contractors Limited* (C 30803)**

**Carmel *sive* Charles (K.I. Nru. 110160 M), u**

**Carmen (K.I. Nru. 18462 M), konjugi Mangion**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat l-10 ta' Lulju, 2018, li permezz tieghu l-bank rikorrenti fuq indikat sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu *in atti* tan-Nutar Dottor Carmel Mangion datat is-27 t'Ottubru, 2010, l-intimati kollha gew ikkonfermati debituri tal-bank rikorrenti, (ara foll 3);

1.2. Illi minkejja li gew effettwati diversi pagamenti, l-intimati ghadhom debituri tal-istess bank;

1.3. Illi peress li issa ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-imsemmi kuntratt, il-bank rikorrenti qieghed jitlob l-awtorizzazzjoni tal-qorti odjerna biex *ai termini* tal-artiklu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), tesegwixxi l-istess titolu fil-konfront tal-intimati ghall-bilanc li ghadu dovut;

1.4. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.4.1. Tawtorizza lill-bank rikorrenti jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-imsemmi titolu esekuttiv billi ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-imsemmi kuntratt u billi d-dejn riskontrat ghadu mhux saldat mill-intimati, u dan, *ai termini* tal-artiklu 258(c) tal-Kap 12;

1.4.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Lulju, 2018, li permezz tieghu appuntat il-procedura in dizamina ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 8);

3. Rat il-verbal datat id-9 t'Ottubru, 2018, li permezz tieghu gie sottolineat li wara li l-qorti rat in-notifiki pozittivi tal-intimati, (ara foll 15), datati l-1 t'Awwissu, 2018, l-istess intimati jinsabu fi stat ta' kuntumacja, (ara foll 16);

4. Rat ukoll id-digriet taghha datat ukoll id-9 t'Ottubru, 2018, (ara foll 16), li permezz tieghu, wara li ddiferiet il-procedura odjerna ghas-sentenza, awtorizzat lill-intimati biex jekk iridu jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendu ruhom kontra t-talba tal-bank rikorrenti sad-data hemm lilhom indikata, (ara foll 16), u dan, *ai termini* tal-artiklu 158 (10) tal-Kap 12;

5. Semghet lir-rapprezentant tal-bank rikorrenti jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn involut u li l-istess dejn ilu dovut ghal aktar minn hames (5) snin;

6. Tirrileva li z-zmien koncess lill-intimati ghall-ghan indikat fil-paragrafu precedenti ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

7. Illi ghalhekk din il-procedura hi azzjoni istitwita biex jigi rez ezegwibbli mill-gdid titolu ezekuttiv, naxxenti mill-kuntratt fuq indikat, favur il-bank rikorrenti wara l-gheluq ta' hames (5) snin mid-data li fih dan il-kuntratt kien konkluz, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

8. Illi l-imsemmija talba tal-bank rikorrenti qed issir minhabba li allegatament sal-lum l-intimati ghadhom ma ssaldawx l-ammont li sselfu mill-bank *de quo*;

Ikkunsidrat:

9. Illi kif gie stabbilit mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Desmond Mizzi vs. Mizzi *Group Limited***, datata t-**2 t'Ottubru, 2018**:

> "... ... l-indagini ta' din il-qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati kif inhi limitata t-talba tal-bank (f'dan il-kaz tar-rikorrent Desmond Mizzi) *ai termini* tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12. Sahansitra fil-kawza ***HSBC Bank Malta p.l.c.* vs John Dalli *et*** deciza fit-**18 ta' April, 2002** inghad:
>
> > "Illi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors hu biss li tindaga ruhha dwar l-esistenza tal-istess titolu

ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan *tramite* l-konferma bil-gurament ta' l-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma hu rikjest skont l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smigh";

Ikkunsidrat:

10. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li fir-rigward, din il-qorti marret lil hemm mill-obbligi statutorji impost fuqha;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi pprezentati *in atti* jirrizulta debitament assodat li effettivament jezisti titolu ezekuttiv kif determinat fl-artiklu 253 (b) tal-Kap 12, senjatament li:

11.1. Il-kuntratt in dizamina, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), hu kuntratt ricevut minn nutar pubbliku;

11.2. Il-kuntratt *de quo* jirrigwarda dejn cert, likwidu u dovut, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, u dan billi: d-debitu li ghadu dovut:

11.2.i. Ghadu effettivament dovut; u

11.2.ii. Skada wkoll it-terminu li fih dan it-titolu seta' jigi ezegwit kontra d-debituri;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti pprova t-talbiet tieghu ai fini tal-artiklu 258 tal-Kap 12, u konsegwentement:

**DECIDE:**

12.1. Tawtorizza lill-bank rikorrenti jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-imsemmi titolu ezekuttiv billi ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-kuntratt fuq indikat u billi d-dejn riskontrat ghadu mhux saldat mill-intimati;

12.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati *in solidum*.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**